MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 151/2009

Kawza fil-lista: 44

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta li l-partijiet izzewgu fit-23 ta’ Ottubru 1983 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied ; illi l-konvenuta kienet hbiet mill-konoxxenza tal-attur diversi aspetti mill-karattru taghha u fuq kollox mill-mod kif kienet tahsibha dwaru u dwar iz-zwieg, l-attur skoprihom biss wara z-zwieg u li, kieku kien jaf bihom qabel, certament ma kienx jizzewweg lill-konvenuta ; illi l-konvenuta kienet titratta lill-attur bi stmerrija kbira u kienet tirredikolah u titrattah bhala persuna inferjuri partikolarment meta twieldu l-ulied u

kienet izzebilhu mal-istess uliedu ; illi l-konvenuta ccelebrat iz-zwieg filwaqt li kienet qed teskludi *a priori*e l-elementi fundamentali tal-istitut u s-sagrament taz-zwieg fosthom l-imhabba u r-rispett ;  illi bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ebda diskussjoni serja dwar dawk li huma d-dmirijiet, id-drittijiet u r-responsabilitiajiet tal-hajja mizzewga ;  illi l-esponent u l-konvenuta ghexu zwieg infelici hafna li matulu l-esponent dejjem kien sottomess ghall-konvenuta; u ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti null u bla effett fil-ligi u dan a tenur tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’mod partikolari a tenur tal-provedimenti tal-paragrafi (c), (d) u/jew (f) tal-istess artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta  u konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-zwieg relattiv.

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimata fejn eccepiet : li t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u m’huwiex minnu li z-zwieg tal-partijiet null u bla effett ; li t-tnejn kienu maturi u jafu x’inhuma jaghmlu, l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta 23 sena u nofs, kienu jahdmu u ma saret l-ebda pressjoni, kellhom zewgt itfal mir-rabta ta’ imhabba li kien hemm dak iz-zmien bejniethom ; li iz-zwieg kien normalissimu, xtraw post u hallsu s-self mill-bank ;  li l-inkwiet bejniethom inqala wara 16 il-sena meta l-attur fetah snack bar u beda relazzjoni ma’ mara mill-Ukrajina u meta l-konvenuta ndunat fethet proceduri tas-separazzjoni permezz ta’ kawza ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fi 23 ta’ Ottubru, 1983 fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha, il-konvenuta topponi, u tghid li z-zwieg kien wiehed normali, u li l-inkwiet inqala’ biss wara 16 il-

sena zwieg minhabba relazzjoni extra-matrimonjali da parti ta’ l-attur.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-23 Ottubru 1983 meta allura l-attrici kellha 26 sena u l-konvenuta kellu 25 sena, u wara li kienu ilhom  sentejn u nofs johorgu flimkien.  Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, fis-16 ta’ Jannar 1986 u fis-17 ta’ Marzu 1987. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa 19-il sena il-partijiet isseparaw, u illum l-attur qieghed f’ relazzjoni extra-matrimonjali stabbli mal-mara Ukrajina.

*Verzjoni Attur*:
L-attur jghid li hu kellu 22 sena meta beda johrog mal-konvenuta.  Il-partijiet kienu gejjin minn familji differenti kemm fil-hsieb politiku taghhom kif ukoll fil-mezzi finanzjarji. Il-genituri tal-konvenuta kienu it-tnejn mejtin u l-konvenuta dak iz-zmien kellha problemi mall-familja taghha fuq wirt, bir-rizultat li hi u ohtha spiccaw tkeccew barra mid-dar tal-genituri taghhom.  L-attur jghid li hu kien jiddispjacih jara lill-konvenuta nkwietata u mbikkma minhabba l-inkwiet familjari.  Wara li hi u ohtha gew imkeccija mid-dar, huma ddecidew li jaghmlu double wedding, u l-attur jghid:  *‘Bdiet certa pressjoni fuqi biex nizzewweg.’* Xtraw post gebel u saqafu u intefa’ jahdem fihu.

Jistqarr li meta izzewweg: *‘jien ma kontx inhobbha lill-konvenuta u s-sentimenti li kelli lejha kienu iktar li kont qed nithassarha u ridt naqlaghha minn gol-inkwiet li kienet fih.  Qatt m’ghidtikha « jien inhobbok » u lanqas hi qatt ma qaltli dan il-kliem.  Jien konvintissimu li lili l-konvenuta qatt u qatt ma habbitni u jiena ghalija ma kont xejn hlief ic-cavetta biex tohrog minn gol-inkwiet li kellha.’*

Jghid li l-inkwiet matrimonjali beda mill-ghada stess tat-tieg meta inqala argument fuq xi kliem mhux xieraq fuq xi ikel tat-tieg. Ukoll, wara it-tieg kien ikun hemm tghajjir ukoll minhabba d-differenza socjali fl-istat tal-familji.  Hu

jiddiskrivi lilu nnifsu bhala ‘*introvert hafna u self esteem baxx’* (folio 33/35).

Jistqarr li l-intimita sesswali kienet bdiet minn qabel iz-zwieg.

Wara t-twelid tat-tieni wild, il-konvenuta bdet tkun riluttanti fir-relazzjoni sesswali

Matul iz-zwieg, huwa kellu tlett jobs, bla hobbies ta’ xejn u jilmenta li ma kienx apprezzat minn martu, filwaqt li hu kien jaghmel mill-ahjar biex jikkuntentaha  Jghid li l-konvenuta kienet thossha superjuri ghalih, u kienet tpingieh ikrah ma’ uliedu.  B’dawn il-problemi, specjalment meta fetah business ma’ habib tieghu, *‘konna niggieldu tista’ tghid kuljum……..dan qatt ma kien zwieg ta’ veru, qatt ma kien hemm ferh u imhababa izda biss dwejjaq u imrar.’* (folio 23)

*Verzjoni konvenuta*
Minn naha taghha l-konvenuta cahdet dak allegat mill-attur fil-konfront taghha.  Hi tghid li fl-gherusija kellhom relazzjonijiet intimi, u kienet wahda normali. Anke l-hajja matrimonjali kienet normali, sakemm, wara 15-il sena zwieg l-attur fetah snack bar fil-Marsa kontra x-xewqa taghha ; bir-rizultat li hu kien jghaddi sighat twal go dan il-hanut anke sas-sighat bikrin ta’ fil-ghodu.  Tilmenta li wara dan iz-zmien hi bdiet thossha imdejqa u abbandunata minn zewgha.  Eventwalment skopriet li l-attur kellu relazzjoni extra-matrimonjali ma’ mara Ukrajina

Illi l-verzjoni tal-konvenuta tinsab konfortata mix-xhieda taz-zewg ulied tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti, li semghet liz-zewg partijiet, taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konventua, sostnuta mix-xhieda tat-tfal, illum maggjorenni, tal-partijiet.

Illi meta zzewgu l-partijiet kellhom eta’ li taghtihom grad ta’ maturita’ li jifhmu l-obbligi tal-hajja konjugali, u cioe’ li jghixu f’ unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-

benessere reciproku, il-prokreazzjoni ta' l-ulied u t-trobbija taghhom. Huma fil-fatt ghexu din il-hajja, f' konvivenza pacifika, ghal 15-il sena sakemm l-attur fetah is-snack bar bir-rizultat li beda jitbieghed mill-familja tieghu, sakemm dahal f' relazzjoni extra-matrimonjali.

Il-Qorti tosserva li l-ebda wahda mill-*caputita nullitatis* mressqa mill-attur bhala bazi ghat-talba tieghu tinsab sostnuta mill-provi, anzi l-fatti sodisfacentement provati juru l-kuntrarju; u cioe' li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ma kien ebda kwalita' li fixklet serjament il-hajja mizzewga, ma kien ebda difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fit-termini tal-paragrafu [d] jew inkapacita' da parti ta' xi parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg, u wkoll, u b' mod l-aktar manifest, ma kien hemm simulazzjoni da parti ta' xi parti fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-attur ma rnexxielux jipprova l-fatti formanti l-bazi tat-talba tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------